MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 511/2003/1

**Perit Dom Mintoff**

**vs**

**Saviour Balzan**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Frar, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-13 t'Ottubru tas-sena 2003 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

*1.* Illi jhallas lill-attur dik is-somma li din l-Onorabbli Qorti, ai termini tal-provvedimenti ta' l-Att dwar l-Istampa, tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li

huwa sofra billi attribwielu fatti determinanti bi skop li jnaqqaslu r-reputazzjoni u joffendi l-isem u l-fama tieghu jew jesponieh ghar-redikolu jew disprezz tal-pubbliku, meta b'referenza ghall-attur, kiteb fil-harga ta' Settembru 2003 tal-pubblikazzjoni ta' kull xahar "*The Circle*" l-istorja ta' *"Conspiracies*", f'pagna 19, bit-titolu "*Crying out for Justice*", u l-*headline* "*In a harrowing tale of political intrigue and betrayed interests*" u *"double-dealings*", u attribwixxa lill-attur "*policital intrigue, dirty dealings*", u f'pagna 26, li "*Cecil Pace may have been …purposely convicted of fraud*", u "…*the Bical scandal and the orchestration behind the fail of a business empire, a bank and the web of deceit that outlived the life of tyrants and victims alike";*

2. Illi, b'referenza ghall-attur, billi kiteb u/jew, fil-kwalita' tieghu ta' editur responsabbli ippubblika, fil-gurnal ta' nhar ta' Hadd, Malta Today, fil-hargiet tieghu tal-24 ta' Awissu, tal-31 ta' Awissu, tas-7 ta' Settembru, tal-14 ta' Settembru, tal-21 ta' Settembru u tal-5 ta' Ottubru u tat-12 ta' Ottubru, kollha tas-sena 2003, is-segwenti:-

F'pagna 4 tal-harga tal-24 ta' Awissu, taht il-'*heading' "Bical Bank web of deceit", "it now transpires that Cecil Pace may have been …purposely convicted of fraud…*". U "*the whole saga brings to the fore the involvement of political figures namely the burlesque and aggrasive policies of Dom Mintoff …*", u "*Malta Today will be publishing undisclosed facts about the Bical scandal and the men who orchestrated the fall of a business empire, a family, a bank and the web of deceit that outlived the life of tyrants and victims alike",* f'pagna 4; u fl-ewwel pagna tal-harga tal-31 ta' Awissu, "*Pace insists that he was the victim of a nationalisation programme",* u fl-istess harga f'pagna 7, "*Day latter*" (i.e. wara l-laqgha li kellu mal-attur) "*Cecil Pace was asked to visit the Ministry of Finance, to agree to sign the appointment of a Central Bank controller to Bical. Cecil Pace accepted this."* U "*It was to be the beginning of the end,*" u *"The appointment of a controller by Central Bank was part of Mintoff's ploy.";* u fil-harga tas-7 ta' Settembru, f'pagna 1, *"Mintoff wanted Pace to transfer part of Bical Bank to his nominees" u "Cecil Pace*

*… continues to deny any wrong-doing, insisting that he was caught in a personal vendetta, a web of deceit and Mintoff's nationalization frenzy*", u *"Melita Today can reveal that Dom Mintoff … asked Cecil Pace … to transfer part of Bical Bank and Pace's companies to Mintoff's nominees", u "Soon I was approached again this time with the proposal to sign away half of my equities to nominees and I would be awarded with "choicy" contracts for my companies whilst my bank would be handling Government accounts and permits to open branches all over the Island"*, u *"I was told better agree" (i.e. ghall-proposta) "than go to jail. I asked on what grounds and I was told that reasons could be found. And so it came about that I was arrested."*; u fil-harga tal-14 ta' Settembru, fl-ewwel pagna, "*Mintoff mum as Pace confirms KMB had asked him to accept Dom Mintoff's proposal"*, u *"The Malta Today report raises the question that Dom Mintoff, then Socialist prime Minister of Malta, had effectively coerced Cecil Pace to pass on his crown jewel in return for some tolerance",* u "*Cecil Pace who was promised lucrative contracts by Mintoff*", u f'pagna 7 tal-istess harga, "*Malta Today has revealed how Cecil Pace was promised lucrative contracts by Prime Minister Dom Mintoff in return for part of the Bical bank to be transferred to Mintoff's nominees*"; u fil-harga tal-Malta Today tal-5 ta' Ottubru, fl-ewwel pagna, taht il-'*heading'* "*The Bical scandal", "Mintoff finally reacts but fails to convince",* u f'pagna 7, *"But Mintoff will certainly be remembered as the man who rendered his own style of Nasserian policies on Malta by closing the Bical bank."* U fil-harga tat-12 ta' Ottubru, f'pagna 7, "*Karmenu Mifsud Bonnici had asked him to transfer part of Bical to Mintoff's nominees. Mintoff has so far not reacted to Malta Today's reports"*; (ara Dokumenti esebiti);

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-5 ta' Novembru tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-attur jrid jipprova li l-esponent huwa l-awtur tal-artikoli kollha li jaghmel riferenza ghalihom;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost t-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez billi ma l-artikoli in kwistjoni huma bbazati fuq fatti li graw u/jew huma kummenti accettabbli f'demokrazija;

Rat il-verbal datat is-17 ta' Novembru tas-sena 2003 li permezz tieghu ghar-ragunijiet hemm espressi din il-qorti, kif diversament preseduta, ittrasmettiet l-atti lir-Registratur tal-Qorti biex tigi ri-assenjata;

Rat il-verbal datat l-1 ta' Gunju tas-sena 2004 li permezz tieghu l-partijiet infurmawha li "ghalkemm innegozjaw ftehim bejniethom baqghu ma qablux fuq kwistjoni periferali" u komplew bil-procedura odjerna;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tar-rapprezentanti tal-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi f'sensiela ta' artikoli fil-gurnal "*Malta Today*" li gew ippubblikati fl-24 t'Awissu tas-sena 2003 sat-12 t'Ottubru ta' l-istess sena u f'artikolu iehor fil-'*magazine' "The Circle*" ta' Settembru tas-sena 2003, l-attur hassu malafamat bl-allegazzjonijiet hemm riprodotti;

2. Illi l-istess attur isostni li dan hu rizultat ta' fatti lilu malizjozament attribwiti bil-ghan li titnaqqaslu r-

reputazzjoni u biex jigi offiz l-isem u l-fama tieghu, u allura jigi espost ghar-redikolu u ghad-disprezz;

3. Illi f'dawn l-artikoli gew attribwiti diversi fatti mill-konvenut li l-attur jinnega robustament fosthom, in sintesi, is-segwenti:

i. Illi l-attur kien il-persuna li arkitetta segretament il-kroll finanzjarju tal-BICAL Bank;

ii. Illi dan ghamlu ghaliex Cecil Pace, li kien jikkontrolla l-istess Bank, kien irrifjuta li jikkollabora ma' l-attur meta dan ta' l-ahhar kien Prim Ministru ta' Malta, senjatament,

a) Billi irrifjuta li jkun kandidat tal-Malta Labour Party;

b) Billi rrifjuta li jitrasferixxi kwantita' sostanzjali ta' ishma favur persuni qrib l-attur, u dan fuq stedina specifika ta' zewg emissarji ta' l-attur, (ara fol 93), u nonostante t-theddida ta' l-arrest;

4. Illi in effetti jirrizulta li l-konvenut ippubblika intervisti estensivi li hu kellu ma' l-imsemmi Cecil Pace;

5. Illi l-istess konvenut assuma responsabbilita' ghal dak minnu ppubblikat;

6. Illi mill-analizi tax-xhieda prodotta jirrizulta sintetikament is-segwenti:

i. Illi fil-perjodu Malta kienet ghadha fil-fazi li tibni u tissoda l-istituzzjonijiet, anke finanzjarji taghha;

ii. Illi l-BICAL BANK kien wiehed mill-banek ewlenin tal-perjodu in dizamina;

iii. Illi wiehed mill-"*managers*" l-aktar imlahqin fl-imsemmi bank jirrizulta li kien involut f'xi transazzjoni finanzjarja biex jghin fil-finanzjar ta' l-istamperija tal-Partit Nazzjonalista, u dan, minghajr ma kien debitament awtorizzat jaghmel dan u minghajr ma kien

preventivament informa lis-superjuri tieghu fil-bank de quo;

iv. Illi jirrizulta li l-istess bank sab ruhu fi gwaj finanzjarju serju fejn allura anke l-ispetturi tal-Bank Centrali kienu kostretti jintervjenu skond il-ligi;

v. Illi rizultat ta' l-analizi investigattiva ta' l-istess spetturi fuq indikati instabu diversi irregolaritajiet serji fosthom anke "*statements*" favur l-istess bank lill-Bank Centrali allegatament rilaxxati mill-Hambros Bank ta' Londra li rrizultaw li effettivament kienu falsifikati u stampati fuq karti tat-Tudor Press, liema azjenda kienet ta' l-istess Pace indikat aktar qabel;

vi. Illi allura s-sitwazzjoni ipprecipitat u gew istitwiti l-azzjonijiet kollha necessarji skond il-ligi fuq struzzjonijiet ta' l-istituzzjonijiet appositament stabbiliti ghal dan il-ghan;

Ikkunsidrat:

Illi l-allegazzjoni tas-sors ewlieni tal-konvenut li kien hemm komplott politiku ma gietx sostenuta;

Illi lanqas ma giet sostnuta l-allegazzjoni tieghu li tramite zewg emissarji partikolari, (ara fost l-ohrajn fol 93), l-istess sors ewlieni kellu t-theddida ta' "arrest" jekk ma jikkollaborax;

Ikkunsidrat:

Illi minflok, li jirrizulta hu li l-attur, bhala Prim Ministru, kellu l-piz u r-responsabbilita' generali ta' l-ahjar amministrazzjoni tal-pajjiz u l-interventi tieghu kienu jinkwadraw perfettament f'dak id-dikasteru;

Illi d-decizjonijiet li eventwalment ittiehdu fil-konfront ta' l-imsemmi sors ewlieni tal-konvenut jirrizultaw li ttiehdu a bazi ta' rizultanzi oggettivi u skond il-ligi, minghajr l-inkwivament ta' skopijiet ulterjuri subdoli kif minnu allegat;

Ikkunsidrat:

Illi stante li fl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut isostni li l-artikoli de quo huma bbazati fuq fatti, allura ghandu jinghad is-segwenti:

A:

1. Illi kif gie ritenut bi kjarezza fid-decizjoni Reginald Miller vs Harold Scory, (Volum XXXVI.IV.p.843);

"…il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-"*comment*" biex ikun gustifikat irid ikun "*fair and bona fide*", u ma jistax ikun '*fair u bona fide*' jekk il-fatt attribwit … ma jkunx veru";

2. Illi ghalhekk, kemm minhabba s-suespost, kif ukoll minhabba l-fatt li dawk il-fatti allegati mill-konvenut ma gewx ippruvati, l-eccezzjoni tal-"*fair comment*" ibbazat fuq il-fatt ma jistax tigi akkolta stante li l-fatti addebitati lill-attur palezement ma jirrizultawx;

3. Illi ghalhekk l-animu libelluz jirrizulta palezement ippruvat;

B:

Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li hi sodisfatta li l-attur ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi u filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, takkolji t-talbiet attrici u:

1. Tiddikjara li l-artikoli ippubblikati fuq riferiti huma malafamanti ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 248 u huma intizi li jtellfu u jnaqqasu r-reputazzjoni ta' l-attur;

2. Taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Vincent Borg vs. Victor Camillri et datata l-15 ta' Novembru ta' l-1994 fejn gie ritenut is-segwenti:

"Id-danni li ghandha tillikwida l-Qorti ghall-hsara sofferta mill-atturi mhux soggetta ghal xi regoli bhal fil-kaz ta' danni reali kkomtemplati fil-Kodici Civili. Il-ligi ta' l-Istampa thalli l-likwidazzjoni tal-kumpens fid-dikrezzjoni kompleta tal-gudikant b'limitu ta' elfejn Lira Maltin, (LM2000.00,0)",

(liema limitu hu issa estiz ghall-ammont ta’ hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0);

3. Illi in vista tal-premess din il-qorti qed tissottolinea s-segwenti:

i. Illi l-fatti allegati u attribwiti lill-attur ma rrizultawx pruvati;

ii. Illi l-konvenut kellu l-mezzi kollha disponibbli biex jivverifika l-allegazzjonijiet kollha lilu moghtija fl-intervisti de quo minnu kondotti;

iii. Illi nonostante dan, ma jirrizulta li ghamel xejn u ipprecipita ghall-pubblikazzjoni;

iv. Illi fil-mori tal-kawza, meta l-fatti bdew finalment jigu kjarifikati, l-partijiet talbu sospensjoni tal-procedura bil-ghan li l-vertenza tkun rizolta amikevolment;

v. Illi kif jirrizulta mill-verbal datat l-1 ta’ Gunju tas-sena 2004, “… ghalkemm …” il-partijiet f’din il-kawza kienu “… ninegozjaw ftehim bejniethom baqghu ma qablux fuq kwistjoni periferali …” u komplew b’din il-procedura, (ara fol 54);

4. Tikkundanna lill-konvenut Saviour Balzan biex ihallas lill-attur Dom Mintoff l-ammont ta’ mitejn u hamsin Lira Maltin, (Lm250.00,0), bl-ispejjez ta’ din il-procedura.”

L-attur appella minn din is-sentenza u talab li din tigi modifikata kif gej:-

1. Ir-revoka ta’ l-ammont ta’ kumpens likwidat billi dak iffissat mill-ewwel Qorti hu inadegwat meta mqabbel mal-gravita` tal-malafama u l-ingurji sofferti;

2. Ir-riforma ta’ l-istess sentenza ghall-motiv li dik il-Qorti naqset milli tordna l-pubblikazzjoni tas-sentenza li stabbiliet l-infondatezza assoluta ta’ l-allegazzjonijiet infamanti maghmula;

Huwa ferm logiku illi, gjaladarba l-konvenut akkwieta ruhu ghas-sentenza appellata, din il-Qorti trid titlaq mill-punt fejn il-Qorti inferjuri, fuq l-accertament u l-apprezzament taghha tal-provi, iddeterminat li d-domanda ta’ l-attur appellanti kienet sostanzjalment legittimata li tircievi l-effetti guridici tan-normi tal-ligi applikabbli (Kapitolu 248);

Premess dan, irid jinghad in linea preliminari illi l-accertament ta’ l-ingurja bl-istampat, u allura wkoll il-likwidazzjoni tad-danni relatati, huma, di regola, valutazzjonijiet rizervati lill-gudikant ta’ l-ewwel grad in kwantu lilu huwa affidat il-poter diskrezzjonali dwar il-fatti. Huma, allura, valutazzjonijiet li, generalment, jitqiesu insindakabbli minn din il-Qorti ta’ revizjoni jekk jinstab li huma sew sorretti minn motivazzjoni kongruwa, kompleta u ezenti minn vizzji logici. Tajjeb li jigi precizat pero`, f’ dan l-istess kuntest, illi dak l-istess ezercizzju tal-poter diskrezzjonali huwa censurabbli fil-kaz fejn “*la liquidazione appaia irrisoria o simbolica*” (**Qorti Taljana ta’ Kassazzjoni, 1998, Numru 2272**) jew, kif jinghad ukoll minn dik l-istess Qorti **(1998, Numru 6993**), “*quando sia omessa ogni pur sintetica enunciazione dei criteri seguiti nella liquidazione*”;

Jokkorri, ghaldaqstant, li jigi ezaminat jekk, fuq il-bazi tal-fatti accertati u pruvati, ir-riparazzjoni likwidata mill-ewwel Qorti gietx abbinata kif jixraq mal-lezjoni ta’ dak l-unur u r-reputazzjoni li ssemmi l-ligi bl-Att dwar l-Istampa, u li huma l-objettiv primarju ta’ dik it-tutela kostituzzjonali tad-drittijiet ghall-immagni, l-isem, l-unur u l-istima li l-persuna tgawdi fis-socjeta` u hi ntitolata ghall-harsien taghhom;

Qari, anke superficjali, tal-pubblikazzjonijiet senjalati mill-attur fl-isfond tat-talba tieghu juri, innegabilment, li l-kontenut ta’ l-allegazzjonijiet, il-prominenza u l-frekwenza taghhom f’ diversi hargiet ta’ l-istess gurnal, jikkostitwixxu addebiti sufficjentement gravi li jbaxxu lill-attur fl-istima u l-

unur tieghu. Maghdud ma’ dan hemm l-uzu tal-lingwagg immoderat, u t-ton generali tal-kitba, li jservu wkoll ta’ sussidju ghall-attakk ingurjuz, ripetut u feroci. L-accenni li jsegwu, rikapitolati mid-diversi hargiet tal-gurnal “Malta Today” jillustraw tajjeb din il-konstatazzjoni:-

(i) “*The whole saga (*tal-BICAL*) also brings to the fore the involvement of political figures, namely the burlesque but aggressive politics of Dom Mintoff*” (harga ta’ l-24 ta’ Awissu 2003);

(ii) “*The appointment of a controller by the Central Bank was part of Mintoff’s ploy*” (31 ta’ Awissu 2003);

(iii) “*Mintoff wanted Pace to transfer part of Bical Bank to his nominees*” (7 ta’ Settembru 2003);

(iv) “*The Malta Today report raises the question that Dom Mintoff, then Socialist Prime Minister of Malta, had effectively coerced Cecil Pace to pass on his crown jewel in return for some tolerance*” (14 ta’ Settembru 2003);

(v) “*But Dom Mintoff will certainly be remembered as the man who rendered his own style of Nasserian politics on Malta by closing the Bical Bank …*” (5 ta’ Ottubru 2003);;

(vi) Komplimentari ma’ dan hemm dak li nkiteb taht ir-ras “Conspiracies” u ritratt ta’ l-attur fil-magazine “The Circle” (harga ta’ Settembru 203), “*about the Bical scandal and the orchestrations behind the fall of a business empire, a family, a bank and the web of deceit that outlived the life of tyrants and victims alike*” u “*somewhere along the line he (Cecil Pace) was caught in the centre of political intrigue, dirty dealings and a system that was geared towards destroying*”;

Fil-parti razzjonali tas-sentenza taghha l-ewwel Qorti timmotiva l-konkluzjoni minnha raggunta fis-sens li l-

konvenut ma rnexxiex fid-difizi tieghu u, minflok ivverifika l-allegazzjonijiet maghmula lilu waqt l-intervista, ipprecipita ghall-pubblikazzjoni taghhom. Konsegwentement, iddikjaratu hati ta’ malafama u ghaddiet biex tikkundannah ghad-danni. Hi s-somma likwidata ta’ dawn id-danni li l-appellanti qieghed issa jikkwerela bl-appell introdott minnu;

Ma tezisti ebda kwestjoni illi in linea ta’ massima generali l-funzjoni primarja tar-rizarciment jew ta’ l-imposizzjoni tal-penali ghandha tkun korrispondenti ghall-pregudizzju arrekat, u, ghalhekk, min hu msejjah biex jiggudika ghandu jzomm in mira dawk l-elementi saljenti tal-fatti incidenti li johorgu mir-rizultanzi istruttorji tal-kaz partikulari, dejjem, s’ intendi, gwidat minn dawk il-kriterji specifici applikabbli f’ materja ta’ libelli. Haga naturali, hu generalment mistenni li l-gudikant, imbaghad, jipprovdi ragunijiet kongruwi, almenu sommarjament, tal-process logiku-guridiku segwit biex wasal ghal-likwidazzjoni tal-*quantum debeatur*;

Affermat dan, jidher li hu xieraq f’ dan l-istadju li jigu esposti certi regoli dottrinali gwida, konfermati mill-gurisprudenza, fil-likwidazzjoni tad-danni ta’ l-ispeci hawn ezaminata;

Fl-opra “**Le Obligazioni da fatto illecito**” (Edizione Utet, 2004, pagna 603) kurata minn **Massimo Franzoni**, is-suggett hawn in diskussjoni hu ntrodott b’ rikjam ghal tliet kriterji bazici, generalment applikati mill-Qrati Taljani. Jigifieri:-

(a) “*la gravita` del fatto*:’
(b) “*l’ estensione della diffamazione*”;
(c) “*la qualita` del soggetto leso*”;

Jissemmew ukoll kriterji ohra, ad ezempju, “*le modalita` di presentazione della notizia lesiva*” u “*il particolare risalto dato della notizia diffamatoria nel quotidiano*”. Dan fis-

sens illi "*piu` la notizia è eclatante, piu` la notizia lede la personalita` morale*";

Dwar il-kriterju tal-gravita` tal-fatt l-awtur jispjega illi dan jirriferixxi kemm ghall-addebitu partikulari infamanti, kemm ghall-qaghda prodotta in segwitu ghall-attribuzzjonijiet diffamatorji. A propositu, jispjega illi "*tale criterio assume un particolare rilievo nell' ipotesi in cui il soggetto passivo dell' illecito sia una persona che riveste un ruolo socialmente rilevante, presentando cosi punti di contatto con il criterio alle qualita` del soggetto leso*";

Il-precitati kriterji lanqas ma jidhru li huma aljeni fl-ordinament guridiku Ingliz. Jghid il-**Gatley** ("**On Libel and Slander**", 7th Edition, 1974, pagna 1356) illi "*in an action of libel the assessment of damages does not depend on any legal rule*" izda l-gurija ghandha tiehu in konsiderazzjoni "*the conduct of the plaintiff, his position and standing, the nature of the libel, the mode and extent of publication, the abuse or refusal of any retraction or apology, and the whole conduct of the defendant from the time when the libel was published down to the very moment of the verdict*". Skond dan l-awtur dan l-aspett ta' l-ahhar hu kriterju tajjeb "*which the plaintiff may rely upon as aggravating the damages*";

Stabbiliti dawn il-kriterji-gwida hu konsiljat dejjem illi wiehed ghandu jipprocedi ghall-valutazzjoni ekwitativa, u b' rikjam ghal dak is-sens ta' proporzjoni li ssemmi is-sentenza fl-ismijiet "**Carmel Tonna *et* -vs- Felix Agius *et***", Qorti Civili, Prim' Awla, 23 ta' Marzu 1993, per Imhallef Joseph Said Pullicino. Fiha nghad illi "l-azzjoni tal-libell biex tkun verament effikaci u gusta ghandha tigi adoperata b' gudizzju u cirkospezzjoni, tenut kont ta' l-ingurja, il-gravita` taghha, lejn min tkun diretta u lil min tkun mahsuba tilhaq u x' danni konsegwenzjali, diretti jew indiretti, tista' tiggenera";

Fermi dawn l-hsebijiet, l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 248 jipprovdi ghal zewg kategoriji ta' danni. Dawk reali "dwar telf jew hsara attwali" skaturiti mill-illecitu civili rizarcibbli mil-ligi komuni fil-Kodici Civili; dawk morali ghall-fatt tal-pregudizzju lill-immagini u l-kredibilita` tal-persuna malafamata. Fil-kaz in ezami, fir-rigward ta' l-ewwel katergorija ma ngiebu ebda provi ghal skop tal-likwidazzjoni taghhom. Kwantu ghat-tieni xorta ta' danni li huma dawk li qed jintalbu l-apprezzament dwarhom, dawn ma jistghux jitkejlu bil-metru monetarju tas-suq izda in relazzjoni ghal-lezjoni tad-drittijiet ta' natura non-patrimonjali. F' kaz bhal dan hi l-ligi stess li tiffissa massimali ta' hamest elef lira (Lm5000), u allura kull likwidazzjoni li trid issir trid tigi stabbilita fil-parametri ta' din is-somma u skond dik il-fehma diskrezzjonali ghar-repristinar tad-dritt li jkun gie lez;

In bazi ghal dak li ntqal u b' applikazzjoni tal-kriterji u tal-principji hawn fuq esposti, l-apprezzament objettiv tal-provi ghandu qabel xejn jafferma dak osservat mill-ewwel Qorti, jigifieri li n-natura tal-malafama taht kunsiderazzjoni hi wahda gravement offensiva u leziva tad-drittijiet ta' l-attur appellant. Dan huwa indott minn dawn ir-riflessjonijiet:-

(1) Is-sinifikat ovvju li johrog minn certi espressjonijiet u kliem uzati fid-diversi artikoli pubblikati, razenti addebiti ta' opportunizmu politiku u agir anke kriminuz fl-attur;

(2) L-esposizzjoni u l-frekwenza taghhom kombaccjat mat-ton komplessiv u aggressiv tar-rappurtagg;

(3) In-nuqqas ta' ricerka serja u diligenti da parte tal-konvenut ta' l-attendibilita` tal-fatti divulgati lilu waqt l-intervista;

(4) In-nuqqas ukoll mill-konvenut li jissostanzja d-difiza tieghu tal-verita` tal-fatti u li tkompli taccentwa l-gravita` ta' l-ingurji diretti lejn l-attur;

(5) Id-dimostrazzjoni tal-prova tal-falsita` ta' l-allegazzjonijiet, l-aktar dwar dawk tal-kumplott politiku attribwibbli lill-attur;

(6) Il-gudizzju ta’ dizvalur incidenti fuq l-unur u r-reputazzjoni ta’ l-attur meta, fiz-zmien tal-fatti rakkontati, kien jokkupa fil-pajjiz l-oghla kariga ta’ Prim Ministru;

Maghmula dawn il-ftit riflessjonijiet, biex wiehed jissellef dak ritenut mill-Qorti ta' l-Appell in re “**L-Onorevoli Prim Ministru Dr. Eddie Fenech Adami -vs- Joe. A. Vella *et***”, 6 ta’ Ottubru 2000, “indubbjament allura artikolu ta’ din ix-xorta jizboq il-limiti ta’ dak li hu normalment accettabbli f’ socjeta` demokratika u din il-Qorti ma ghandhiex dubbju li kien jikkostitwixxi mhux biss kritika harxa ta’ l-agir politiku ta’ l-appellati li johrog mil-limiti tal-kuncett tal-liberta` ta’ l-espressjoni kif hu tutelat fl-ordinament taghna imma, ukoll u aktar importanti, illi jaddebitaw lill-appellati allegazzjonijiet ta’ fatti li rrizultaw manifestament foloz, li kienu kjarament u atrocement malafamanti u li l-appellanti fl-ebda mument ma ittantaw jiggustifikaw”;

Tenut rigward ta’ dawn l-istess riflessjonijiet u ta’ l-espressjoni ta’ opinjoni guridika fuq senjalata huwa aktar minn car illi fic-cirkustanzi kollha ta’ dan il-kaz il-likwidazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti ma hi xejn xierqa u proporzjonata ghall-ingurji kommessi u l-gravita` taghhom. Dan anke tenut kont ta’ dik l-esigenza li fejn jirrizulta li l-lezjoni tkun ta’ natura ugwali ghall-ohrajn ta’ l-istess speci, dik ghandha tircievi l-istess uniformita` ta’ trattament. Ad ezempju, fid-decizjoni fuq imsemmija l-Qorti kienet hemm illikwidat danni lil kull wiehed mit-tliet atturi fl-ammont ta’ elf u mitejn lira (Lm1200) meta l-massimu konsentit mil-ligi fiz-zmien tal-prezentata tal-kawza kien ghadu elfejn lira. Ghaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti, biex verament id-danni jirriflettu s-serjeta` tal-malafama kostitwita bl-istampat offensiv ir-rizarciment ma ghandux ikun, fil-paragun, inferjuri minn dik is-somma. Fil-kaz konkret dan qed jigi ghalhekk likwidat fis-somma ta’ elfejn lira (Lm2000);

Issa bit-tieni aggravju tieghu l-attur jilmenta wkoll illi l-Qorti ta’ l-ewwel grad naqset li tordna l-pubblikazzjoni tas-

sentenza fl-istess gurnal u magazine, fonti tal-libell. Rikjesta bhal din kienet tressqet mill-attur in calce ghan-nota ta' sottomissjonijiet tieghu (fol. 135) quddiem l-ewwel Qorti. Fiha ntalab li "stante il-prominenza, il-pubblicita` u l-frekwenza ta' l-allegazzjonijiet infamanti ppubblikati mill-konvenut, dan ghandu jigi ordnat li jippubblika bl-istess prominenza, pubblicita` u frekwenza is-sentenza li tinghata mill-Onorabbli Qorti". Huwa ovvju illi l-attur irpoza din it-talba tieghu fuq id-dispost ta' l-Artikolu 20 ta' l-Att dwar l-Istampa;

Kwestjoni bhal din gja qamet drabi ohra quddiem il-Qrati taghna. Dwarha a propozitu gie ritenut dan mill-Qorti ta' l-Appell:-

"Skond il-ligi l-pubblikazzjoni forzuza tas-sentenza hi kontemplata biss fl-Artikolu 20 ta' l-Att XL ta' l-1974 li jillimita ordni simili ghall-kazijiet fejn il-persuna tkun instabet hatja taht l-Artikolu 11 ta' dak l-att, cjoe tkun instabet hatja ta' reat kriminali kontemplat f' dak l-artikolu s' intendi minn Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali.

Bl-Artikolu 27 ta' l-istess att pero` l-azzjoni kriminali hija indipendenti mill-azzjoni civili u ghal dik li hi azzjoni civili l-legislatur bl-Artikolu 28 ikkontempla biss f' kaz ta' malafama l-hlas ta' danni li jistghu jintalbu taht xi ligi li tkun fis-sehh f' dak iz-zmien dwar telf jew hsara attwali u oltre dawn id-danni l-hlas lill-persuna offiza ta' somma ta' mhux izjed minn elfejn lira maltin.

It-talba ghall-pubblikazzjoni tas-sentenza ghalhekk in sede civili ma setghetx issir u ma setghetx tigi akkolta";

Ara sentenzi fl-ismijiet "**Eddie Fenech Adami *et* -vs- Joseph Vella *et***", 1 ta' Frar 1988, li minnha hi mehuda din is-silta, u "**Guido Demarco *et* -vs- Felix Agius *et***", Appell, 24 ta' Mejju 1989;

Miz-zmien ta' dawn id-decizjonijiet 'l hawn id-disposizzjonijiet relattivi tal-ligi sostanzjalment ma nbiddlux hlief ghal zieda tal-massimali fl-Artikolu 28 (minn

elfejn ghal hamest elef lira) u dik tal-penali ghan-nuqqas ta’ tharis ta’ ordni taht l-Artikolu 20 (minn mitejn ghal hames mitt lira). Fl-isfond ta’ l-enuncjazzjoni fuq riportata, li maghha din il-Qorti tikkonkorda, l-aggravju propost ma jistax jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi u fis-sens tal-kunsiderazzjonijiet kollha maghmula, din il-Qorti, filwaqt li tirrigetta t-tieni aggravju, takkolji l-appell fil-kap lilha devolut bl-ewwel aggravju billi tistabilixxi l-kumpens rizarcitorju li l-konvenut qed jigi kkundannat ihallas lill-attur, fl-ammont ta’ elfejn lira Maltin (Lm2000). Fic-cirkostanzi tal-kaz qed tiddeciedi li l-ispejjez ta’ din l-istanza jitbatew indaqs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------